# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat

## Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)

## Seduta mizmuma llum, 19 ta' Ottubru 2016

## Rikors Numru: 51/16 CSH

## Christian Muscat u Agnes Muscat

## vs

## Justin Fenech u Amanda Stivala

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar id-9 ta' Marzu 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom ihallsuhom is-somma ta' sitt elef u disgha w sittin Ewro (€6,069) flimkien mal-imghaxijiet miftiehma ta' 5 fil-mija lib dew jiddekorru mill-1 ta' Novembru 2010, liema debitu huwa cert likwidu u esigibbli u in oltre ammess waqt il-kawza numru 392/2012 Qorti tal-Magistrati u li giet finalment deciza fit-12 ta' Marzu 2014.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif intqal, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Justin Fenech u Amanda Lee Stivala fejn eccepew is-segwenti:

1. *Illi l-azzjoni tar-rikorretni hija nulla u improponibbli stante li l-istess rikorrenti sal-mument tal-prezentata tar-rikors promotur ma kienux ssaldaw l-ispejjez u/jew hallsu lill-intimati l-ispejjez b'rabta mal-kawza numru 392/2012 CSH bejn l-istess partijiet rigwardanti l-istess mertu u deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta.*
2. *Illi minghajr pregudizzzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok ma huwiex minnu li d-debitu reklamat hwua cert, likwidu u ezegwibbli u fit-tieni lok l-ebda somma ma hi dovuta mill-intimati lir-rikorrenti kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk talvolta jirrizulta li xi somma hija dovuta lir-rikorrenti mill-intimati din ghandha tigi pacuta kontra spejjez inkorsi mill-intimati li ghalihom kienu responsabbli r-rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat il-verbal taghha tas-6 ta' Lulju 2016 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut jiddikjara taht liema Artikolu tal-Ligi huwa kien qieghed jibbaza l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2016 Dr. Franco Galea ghamel referenza ghall-**Artikolu 907 (2)** tal-Kapitolu 12 u stqarr li dan l-artikolu ghalkemm jitkellem fuq cessjoni ghandu jigi interpretat li japplika wkoll ghal meta jkun hemm gudizzju finali ta' kundanna minn Qorti. L-avukat difensur tal-attur stqarr il-principju legali li ***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit***.

Illi ghalhekk huwa relevanti f'dan l-istadju li jigi citat dak li vermanet jghid u jipprovdi l-**Artikolu 907 (2)** tal-Kapitolu 12 u cioe' li:

"*Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra*".

Konsegwentment ghalhekk jirrizulta li persuna tista biss tintavola kawza ohra kontra l-istess persuna wara li tkun cediet kawza fil-konfront tieghu u hallset l-ispejjez kollha involuti f'dik l-istess kawza li tkun hi stess cediet.. B'dan ifisser li l-kawza ghandha tkun intavolata mill-istess persuna kontra l-istess persuna u in oltre li l-ewwel kawza kienet giet ceduta mill-allura attur.

F'dan il-kaz jirrizulta li verament kien hemm kawza bejn il-kontendenti pero' fl-ismijiet inversi u l-attur odjern ma setghax ceda l-atti tal-kawza l-ohra ghaliex kien konvenut fil-kawza gja deciza. Ghalhekk hija tal-fehma li dan l-artikolu tal-ligi m'ghandux japplika ghall-kaz in dezamina, b'dan pero' ma jfissirx li l-konvenut odjern ma jistax jiehu l-passi mehtiega sabiex jigbor il-kreditu tieghu.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad fis-sentenza fl-ismijiet '**Josephine Bonello pro et noe v. John Bonello'**, Citaz. Nru. 2657/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 dwar li l-ligijiet huma ta' ordine pubblici fejn jinghad li

"*trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollen*s (**Vol. XVIII pI p879, Vol. XLIX pI p421**). Din mhiex kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilità o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha illi "*waqt li formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas però jidhol jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat*" (**Vol. XXXII pI p712**, "**Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et**" Apell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973).

Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l-ebda diskrezzjoni la li jaddottawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provduti bil-ligi. (**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri**" Appell, 6 ta' Ottubru 2000).

**Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-artikolu tal-ligi ma japplikax ghal kaz in desamina u konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna il-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**